

## IT-TRIBUNAL GHAS-SERVIZZ PUBBLIKU

### Rikors ippreżentat fit-12 ta' Awwissu 2016 – OT vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-75/15)

(2016/C 383/39)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

#### Partijiet

Rikorrent: OT (rappreżentant: D. Sobor, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

#### Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima

Annnullament tad-deċiżjoni tal-konvenuta tas-26 ta' Settembru 2014 li tirrifjuta li taċċetta l-kandidatura tar-rikorrent għall-pożizzjoni ta' Direttur taċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar id-Drogi u d-Dipendenza fuq id-Drogi u talba għall-kumpens għad-danni materjali u immaterjali li r-rikorrent jallega li sostna.

#### Talbiet

- jannulla d-deċiżjoni tal-konvenuta tas-26 ta' Settembru 2014 li tirrifjuta li taċċetta l-kandidatura tar-rikorrent għall-pożizzjoni ta' Direttur taċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar id-Drogi u d-Dipendenza fuq id-Drogi;
- jannulla d-deċiżjoni tal-konvenuta tad-9 ta' April 2015 li tiċħad l-ilment tar-rikorrent;
- jordna lill-konvenuta tħallas is-somma ta' EUR 2 836 107 (jiġifieri żewġ miljuni tmien mijja u sitt u tletin elf mijja u seba' Ewro) li tkopri d-danni materjali sostnuti mir-rikorrent;
- jordna lill-konvenuta tħallas is-somma ta' EUR 100 000 (jiġifieri mitt elf Ewro) li tkopri d-danni immaterjali sostnuti mir-rikorrent; u
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

---

### Rikors ippreżentat fit-22 ta' Diċembru 2015 – ZZ vs BEI

(Kawża F-150/15)

(2016/C 383/40)

Lingwa tal-kawża: l-Iżvediż

#### Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentant: E. Nordh, avukat)

Konvenut: Il-Bank Ewropew għall-Investiment (BEI)

#### Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima

Talba għall-annullament tad-deċiżjonijiet tal-BEI li jiddikjaraw l-“eżenzjoni mis-servizz” tar-rikorrent u ta’ deċiżjonijiet oħra relatati ma’ din id-deċiżjoni, kif ukoll talba għal kumpens għad-danni morali u materjali allegatam subiti.